# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024.

## Rik. Nru.  2110/2023 ISB

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' **Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2110/2023 ISB** fl-ismijiet:

**Konjuġi Sebastiano Pietro Vicario (K.I. nru. 368911(L))** u **Claudia Vicario (K.I. nru. 538275(M))**

*vs*

**Daniel Privitera (K.I. nru. 282396(M)), Sea Pebbles Properties Limited (C-77777), Clayton Caruana (K.I. nru. 339785(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-7 ta' Novembru 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-ġid hemm imsemmi, u jiġifieri, *proprjetà mertu tal-permess tal-iżvilupp numru PA/07328/17 ossia:*

*(1) Il-Penthouse internament immarkata '4', fir-raba' sular, bl-arja inkluża;*

*(2) L-appartament internament immarkat bin-numu '1', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fit-tieni sular u ċioe first floor level;*

*(3) L-appartament internament immarkat bin-numru '2', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fit-tielet sular u ċioe second floor level;*

*(4) Il-ħanut, mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fl-ewwel sular, u ċioe groundfloor level;*

*(5) Il-basement level, u ċioe garage fil-livell minus one (-1), mingħajr l-arja libera tiegħu, iżda bis-sottoswol tiegħu u;*

*(6) l-appartament internament immarkat bin-numru '3', mingħajr l-arja libera tiegħu, sitwat fir-raba' sular u ċioe third floor level -*

*ILKOLL formanti parti mill-blokka bin-numru uffiċjali '276', Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq.*

u dan b'ħarsien ta' pretensjoni li għandhom naxxenti minn żewġ kuntratti pubbliċi, spjegati hekk:

> *1. Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019), il-konjuġi Ibrahim u Batoul Yassine (illi kontrihom ġew istitwiti proċeduri ta' actio pauliana) kkostitwew ruħhom a favur ir-rikorrenti debituri veri, ċerti u likwidi fl-ammont ta' mija u ħamsa u tletin elf ewro (€135,000) liema dejn jirrappreżenta s-self brevi manu mogħti mir-rikorrenti lill-intimati konjuġi Yassine. Dan l-ammont kellu jiġi mħallas lura lir-rikorrenti sat-tletin (30) ta' Ġunju elfejn u għoxrin (2020). Madankollu, minkejja diversi tentattivi sabiex ir-rikorrenti jirkupraw il-flus dovuti lilhom, l-intimati konjuġi Yassine baqgħu inadampjenti.*
>
> *2. Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat għoxrin (20) ta' Diċembru elfejn u dsatax (2019), l-istess konjuġi Yassine kkostitwew ruħhom a favur ir-rikorrenti debituri veri, ċerti u likwidi fl-ammont ta' tlett mit elf ewro (€300,000) liema dejn jirrappreżenta s-self brevi manu mogħti mir-rikorrenti lill-intimati konjuġi Yassine. Dan l-ammont kellu jiġi mħallas lura lir-rikorrenti sat-tletin (30) ta' Diċembru elfejn u għoxrin (2020). Madankollu, minkejja diversi tentattivi sabiex ir-rikorrenti jirkupraw il-flus dovuti lilhom, il-konjuġi Yassine baqgħu inadampjenti.*

U għar-raġunijiet u premessi kollha mfissra fir-rikors promotur.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 2023, li bih din il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u poggiet ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-20 ta' Novembru 2023;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2023;

Rat ir-risposta mressqa mill-intimat Clayton Caruana tas-17 ta' Novembru 2023, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat u qal li l-istess talba għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet hemmhekk indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2023;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2024;

Rat ir-risposta mressqa mill-intimata Sea Pebbles Properties Limited tat-12 ta' Jannar 2024, li wkoll, għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat u qalet li l-istess talba għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet hemmhekk indikati.

Rat ir-risposta mressqa mill-intimat Daniel Privitera tad-19 ta' Jannar 2024, li wkoll, għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat u qal li l-istess talba għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet hemmhekk indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2024;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2024, f'liema data, ir-Rikors tħalla għall-provvediment *in camera* li qed jingħata appuntu llum.

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll l-proċess tal-proċeduri 1716/2023JD bejn l-istess partijiet li ġew deċiżi b'digriet fis-26 ta' Settembru 2023 u li ġew allegati ma' dawn l-atti fuq talba tal-Avukat Mario De Marco li saret fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024.

***Ikkunsidrat:***

Illi qabel xejn il-Qorti trid tagħmel referenza għall-paragrafi 1.2, 1.3 u 1.4 tar-risposta tal-intimat Clayton Caruana, għall-paragrafi 1.5 u 1.6 tar-risposta tas-soċjetà intimata Sea Pebbles Properties Limited u għall-paragrafu 3 tar-risposta tal-intimat Daniel Privitera. L-intimati kollha jagħmlu referenza għall-proċeduri 1716/2023JD bejn l-istess partijiet u lkoll jissollevaw l-inammissibilità tar-rikors odjern in kwantu illi din il-vertenza diġà ġiet deċiża bejn l-istess partijiet u ma kien hemm ebda żviluppi ġodda li setgħu jwasslu lir-rikorrenti jintavolaw rikors ġdid.

Il-Qorti qieset dak li ssottomettew u dak li qalu d-difensuri tal-partijiet fuq dan il-punt waqt it-trattazzjoni tagħhom u tħoss illi għandha tibda billi tevalwa dan il-punt, peress illi jekk il-Qorti tħoss u tikkonkludi illi r-risposti tal-intimati f'dan is-sens għandhom mis-sewwa, allura jkun leġittimu illi ma tibqax tqis il-mertu tar-rikors mressaq.

Il-Qorti fliet il-proċess tal-proċeduri 1716/2023JD u tqis illi f'dak il-proċess, il-Qorti diversament preseduta ddegretat dwar Mandat ta' Inibizzjoni li kien tressaq mill-istess rikorrenti kontra l-istess intimati fuq l-istess proprjetajiet u għall-istess premessi.

Issa huwa minnu illi jidher illi l-Mandat ta' Inibizzjoni li tressaq f'Settembru 2023 kien magħmul *ai termini* tal-Artikolu 873 tal-KAP 12 filwaqt illi dan itrattat u deċiż hawnhekk jidher illi tressaq *ai termini* tal-Artikolu 874 tal-KAP 12 - b'danakollu l-Qorti tqis illi t-tnejn huma rikorsi għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, it-tnejn huma intiżi sabiex iżommu lill-intimati milli jbiegħu jew jitrasferixxu proprjetà u t-tnejn jirreferu mhux biss għall-istess partijiet, imma wkoll għall-istess proprjetà.

Il-Qorti qieset ukoll illi anke l-premessi huma identiċi, almenu jirriżulta illi l-ewwel 9 premessi mill-11-il premessa f'dan ir-rikors huma, kif tajjeb jgħid Clayton Caruana fir-risposta tiegħu, "identiċi". U filwaqt illi fir-rikors ta' Settembru 2023 hemm appuntu dawk id-9 premessi, fir-rikors odjern, wieħed isib tnejn oħra.

L-abbli difensur tar-rikorrenti tgħid fit-trattazzjoni tagħha illi dawn iż-żewġ premessi jagħmlu d-differenza kollha, peress illi appuntu dawn huma provi ġodda, ċirkostanzi ġodda li jwasslu biex jiġġustifikaw it-talba kif magħmula anke jekk talba identika kienet ġiet miċħuda ftit ġimgħat qabel.

Minn qari ta' dawn iż-żewġ premessi, il-Qorti ma tistax tasal biex taqbel mar-rikorrenti, u anzi, tasal biex takkolji s-sottomissjonijiet tal-intimati fir-rigward. Dan għaliex huwa evidenti illi d-dokumenti SV1 sa SV3 setgħu faċilment nġiebu qabel u ma jistax jingħad illi jikkostitwixxi xi prova jew ċirkostanza ġdida.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti tqis illi kull ma sar mir-rikorrenti b'dawn l-odjerni proċeduri huwa illi jittentaw talba biex jippruvaw jottjenu dak li ma ottjenewx b'talba simili magħmula biss ftit ġimgħat qabel, bil-għan u bl-isperanza illi din id-darba jottjenu dak li jixtiequ. Il-Qorti għalhekk mhix ser tidħol fil-mertu tal-Mandat, liema mertu huwa ġja deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri ta' Mandat ta' Inibizzjoni 1716/2023.

Il-Qorti tirreferi għal numru ta' sentenzi mogħtija riċentament mill-Qorti tal-Appell dwar akkadut simili għal dan tal-lum, ċjoè, fejn persuna jittenta rikors għal ħruġ ta' Mandat u minkejja illi jkun miċħud għal raġunijiet li tagħti l-Qorti, l-istess rikorrenti jittenta rikors għal Mandat identiku ftit zmien wara. Għalhekk iċ-ċirkostanzi jistgħu jkunu ftit varji, imma l-prinċipji jibqgħu l-istess.

Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Jannar 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet **Bernhard TRATTNIG debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Sarah Sultana vs Mr Green Limited (C-43260)**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *……., iċ-ċertezza tad-dritt trid illi għandu sa fejn possibbli jiġu evitati provvedimenti ġudizzjarji fuq l-istess talbiet u fuq l-istess fatti li jkunu konfliġġenti għal xulxin.*

Il-Qorti tqis illi dak li sar hawnhekk bir-rikors odjern huwa proprju dan – tentattiv tar-rikorrenti illi fuq l-istess mertu u fatti jittentaw il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għat-tieni darba fi żmien ftit ġimgħat. Mingħajr ebda bdil ta' ċirkostanzi. Il-Qorti tqis illi dan ma għandux ikun u għalhekk tqis illi għandhom mis-sewwa r-risposti tal-intimati meta jilmentaw illi l-mertu ta' dan il-Mandat diġà ġie deċiż b'digriet għal rikors ieħor identiku, bejn l-istess partijiet, fuq l-istess pretensjonijiet u fir-rigward tal-istess proprjetajiet.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti qegħda, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija:

1. **Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għal ħruġ tal-Mandat **b'mod definittiv u tirrevoka contrario imperio** d-digriet provviżorju tagħha tas-7 ta' Novembru 2023.

2. **Tordna** lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-31 ta' Jannar, 2024.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**